# Nibnu l-Maxtura ta' Qalbna



Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ Għawdex

## Werrej


***Jum 1 - Inressqu qalbna*** ***3***

***Jum 2 - Inressqu l-ferħat tagħna*** ***6***

***Jum 3 - Inressqu n-niket tagħna*** ***9***

***Jum 4 - Inressqu x-xewqat u l-pjanijiet tagħna*** ***12***

***Jum 5 - Inressqu l-isfidi tagħna*** ***15***

***Jum 6 - Inressqu r-relazzjonijiet tagħna*** ***18***

***Jum 7 - Inressqu l-ħtijiet/l-iżbalji tagħna*** ***21***

***Jum 8 - Inressqu r-rigali tagħna*** ***24***

***Jum 9 - Inressqu l-ħajja kollha tagħna*** ***27***


F'dawn id-disat ijiem tan-novena, aħna mistiedna nippreparaw il-maxtura ta' qalbna biex fiha jitwieled Ġesù. Mhux se nħejju ruħna biss b'affarijiet sbieħ jew perfetti, imma b'dak kollu li jifforma lilna**.** Kuljum inpoġġu biċċa "tiben" fil-maxtura, simbolu ta' dak li noffru lil Ġesù. Hekk, pass pass, inħallu lill-qalb tagħna ssir il-post fejn il-Mulej jista' jgħammar tassew.

# Jum 1 - Inressqu qalbna

Ħafna nies bħalissa jkunu qed jagħmlu l-aħħar preparazzjonijiet tal-Milied. Ħafna diġà żejnu d-djar tagħhom: xi wħud diġà bdew b'ħafna ikliet, u ma jonqsux id-dwal u d-dekorazzjonijiet tal-Milied kull fejn tmur. Dan kollu huwa sabiħ u jgħinek tidħol fl-ispirtu tal-Milied.

Imma la ġejna hawn biex nibdew din in-novena flimkien, dan huwa sinjal li rridu xi ħaġa aktar minn dan id-dawl u t-tiżjin kollu. Hemm xi ħaġa ferm aktar profonda: il-veru sinjifikat tal-Milied.

Kif nistgħu nidħlu fih tassew? Tista' tħossha diffiċli, speċjalment meta dan iż-żmien iġib miegħu tant ġenn, attivitajiet, u għaġla. Imma f'din in-novena, aħna msejħin nieqfu ftit, indawru ħarsitna lejn Ġesù u nħallu lill-qalb tagħna tħoss mill-ġdid il-ferħ u l-paċi tal-miġja tiegħu fostna.

Għalhekk f'dawn id-disat iijiem huwa sabiħ li nitħejjew tajjeb għal din il-miġja tant sabiħa. Sabiex dan ikun jista' jseħħ, irridu nippreprаw ruħna tajjeb u nindunaw ir-raġuni vera għalfejn niċċelebraw dan il-jum tant sabiħ. Ma nibżgħux ersqu għal dan il-jum, Ġesú jħobbna kif aħna. Il-ħaġa tal-għaġeb li jagħmel Alla hi, li ma jistenniex li aħna nkunu puri, b'qalb nadifa jew mingħajr ebda tebgħa. Hu jagħżel li jiġi fostna hekk, eżatt kif aħna.

Illum, għall-ewwel jum tan-novena, żgur li mhux kulħadd ġie hawn iħossu l-istess. Hemm min forsi qed iħossu mdejjaq jew ferħan; hemm min qed iħossu ħerqan jew mingħajr motivazzjoni; hemm min hu kalm, u min bħalissa qed iħossu mimli rabja. Il-qalb tagħna ġġorr dan kollu. Fil-qalb jinġabar dak kollu li l-bniedem iħoss; l-emozzjonijiet, il-ġibdiet u x-xewqat kollha tiegħu.

## *Qari*

**Qari mill-ktieb tal-Profeta Eżekjel (Eż 36:25-32)**
*"U rroxx fuqkom ilma safi, u tissaffew mit-tinġis kollu tagħkom; mill-idoli kollha tagħkom insaffikom. U nagħtikom qalb ġdida, u ruħ ġdida nqiegħed ġo fikom; u nneħħi minn ġisimkom il-qalb tal-ġebel u nagħtikom qalb tal-laħam flokha. U nqiegħed ruħi ġo fikom, u nagħmel li timxu skont il-kmandamenti tiegħi, u li żżommu l-preċetti tiegħi u tħarsuhom. U tgħammru fl-art li tajt 'il missirijietkom, u intom tkunu l-poplu tiegħi u jiena nkun Alla tagħkom. U neħliskom mit-tinġis kollu tagħkom, u nsejjaħ lill-qamħ u nkattru, u ma nibagħtilkomx aktar il-ġuħ. Inkattar frott is-siġar u r-raba' tagħkom, biex ma jkollkomx aktar l-għajb tal-ġuħ fost il-ġnus. Imbagħad tiftakru fl-imġiba ħażina tagħkom u fl-għemejjel ħżiena tagħkom. U tistmerru lilkom infuskom għall-ħażen tagħkom u għall-għemejjel mistkerrha tagħkom. U kunu afu li mhux minħabba fikom li qed nagħmel dan, oraklu ta' Sidi l-Mulej. Istħu u ħammru wiċċkom minħabba l-imġiba tagħkom, dar Iżrael!"*

Fil-qari, Alla qalilna li se *"jroxx fuqna ilma safi u li se jsaffina mit-tinġis tagħna"*. **Imma xi jfisser dan kollu?** Alla jaf sewwa kif aħna l-bnedmin naħdmu; għaliex hu ħalaqna, u saħansitra sar bniedem bħalna. Hu jaf li aħna mniġġsa u li nistgħu nitniġġsu malajr. Jaf li niżbaljaw, jaf li nirrabjaw, u jaf li naqgħu fid-dnub faċilment. Dan jiġri għax fil-ħajja tagħna, ħafna drabi nwarrbu lil Alla tagħna u ndaħħlu affarijiet jew nies oħra li jsiru allat oħra f'postu. Hu għalhekk li fil-qari nisimgħu lil Alla jgħidilna li se jsaffina mill-idoli kollha tagħna.

Meta Alla qal li se jagħtina qalb ġdida, ma kienx qed jgħid li se jibdilha, imma li se jġeddidha. Se jrattab dak li hu iebes, ifejjaq dak li ġie miksur, u jqajjem dak li kien miet. Ġesù jixtieq jitwieled fil-qalb tiegħek kif inti bħalissa. Ma jistenna xejn perfett; irid jidħol fil-ħajja tiegħek eżatt kif tinsab. Imma fl-istess ħin, iridna nikbru, iridna nilbsu l-lenti tiegħu u naraw lilu f'dak kollu li nagħmlu u ngħidu. Alla qed jgħidilna li jekk nimxu fuq il-kmandamenti tiegħu u nagħmlu dak li jgħidilna, ma jkun jonqosna xejn,"li ma jkollna qatt il-ġuħ."

Xi darba kontu ferħanin u ħassejtu lill-qalb tagħkom kalma? Indunajtu li f'dak il-mument kien hemm Alla ġewwa fiha? U meta xi darba ħassejtu dwejjaq jew rabja fil-qalb tagħkom, forsi ħassejtu li jista' jkun li Alla ma kienx preżenti f'dak il-mument? Kemm tkun differenti l-qalb tagħna, u kemm inħossuna aħjar, meta nħallu lill-qalb tagħna titwaħħad u titwieled ma' dik ta' Ġesù.

***Storja ta' San Wistin***

San Wistin twieled fis-sena 354 W.K. f'Tagaste, raħal żgħir fl-Afrika ta' Fuq, li llum jagħmel parti mill-Alġerija. Ommu, Santa Monica, kienet Kattolika u rabbietu fil-fidi Nisranija, filwaqt li missieru, Patrizju, kien pagan. Minn età żgħira, Wistin diġà wera li kellu moħħ tajjeb ħafna. Kien iħobb jitgħallem u kien affaxxinat bil-qawwa li jista' jkollhom il-kliem u l-kitba.

Meta beda jikber, Wistin beda jitqarqaċ u beda jiġri aktar wara l-pjaċiri tad-dinja. Aktar tard, fil-ktieb tiegħu *l-Istqarrijiet*, jammetti li kien jagħmel il-ħażin sempliċiment għall-pjaċir tiegħu stess, u għal ebda raġuni oħra. Jgħid li darba seraq il-lanġas mis-siġra tal-ġar; mhux għax kien bil-ġuħ, imma għax ried jagħmel dan l-att b'sens ta' ribelljoni.

Meta kien żagħżugħ, Wistin beda jistudja r-retorika, u f'dak il-perjodu ta' ħajtu telaq għal pjaċiri u għal ambizzjonijiet. Hu pprova jsib il-verità f'filosofiji differenti, u daħal ma' grupp imsejjaħ il-Manikej, li kienu jgħidu li għandhom ir-risposti kollha dwar it-tajjeb u l-ħażin. Iżda San Wistin induna maż-żmien, li t-tagħlim tal-Manikej ma kienx qiegħed jagħtih la għarfien u lanqas paċi f'qalbu.

L-intelliġenza u t-talenti ta' San Wistin wassluh biex sar għalliem, fejn għallem ir-retorika f'diversi postijiet differenti. Kien f'Milan li Wistin beda jbiddel ħajtu. Hemm iltaqa' ma' Sant Ambroġju, Isqof ta' Milan, fejn Wistin ġie impressjonat mill-imġiba u l-għerf tiegħu. Bil-mod il-mod, Wistin beda jiġi iktar konxju tal-fidi Nisranija, ir-reliġjon li darba kien ċaħad.

Darba, meta kien qiegħed jinsab f'kunflitt intern miegħu nniffsu, San Wistin sema' leħen ta' tifel jgħid: *"Ħu l-ktieb f'idejk u aqra."* San Wistin qabad il-Bibbja f'idejh u qara passaġġ mill-ittra ta' San Pawl lir-Rumani li kien jgħid: *"Ngħixu kif jixraq, bħal f'binhar; mhux bl-ikel iż-żejjed u s-sokor, mhux biż-żina u t-tbahrid, mhux bil-ġlied u l-għira. Imma ilbsu lil Sidna Ġesù Kristu u ħallukom mill-ħsieb tal-ġisem u l-ġibdiet tiegħu."* (Rum 13:13-14). Dan il-passaġġ bidel il-ħajja ta' San Wistin għal dejjem.

Ftit wara, fis-sena 387 W.K., ġie mgħammed flimkien mat-tifel tiegħu Adeodatu, u reġa' mar pajjiżu fejn biegħ dak kollu li kellu. Ġie ordnat qassis, u aktar tard sar Isqof ta' Ippona. San Wistin sar wieħed mill-ikbar dutturi u għalliema tal-Knisja. Mix-xogħlijiet li ħallielna, bħal ktieb *l-Istqarrijiet*, għadu jgħin u jispira lil tant nies biex ifittxu l-verità. Fil-fatt, f'dan il-ktieb (Ktieb I, Kapitlu 1, Paragrafu 1), jgħid: "għax int għamiltna għalik, u qalbna ma ssib qatt kwiet jekk ma tistrieħx fik."

Forsi tistaqsi: possibli nista' nkun bħal San Wistin? Jew kapaċi nsir bħal San Wistin? Jista' jkun iva, u jista' jkun le. Imma matul dawn id-disat ijiem, ser niskopru aktar il-bagalja li aħna nġorru f'ħajjitna, u ħa npoġġuha f'din il-maxtura tal-qalb tagħna. Biex fl-aħħar ġurnata, jitwieled xi ħadd kbir fiha, li jkun kapaċi jġedded din il-qalb tiegħi.

***Attività***

Tajjeb li ma' Ġesù nkunu aħna stess, u nkunu dak li aħna verament. Kulħadd jikteb fuq karta ppreparata b'forma ta' qalb, dak kollu li bħalissa għaddej minnu fil-qalb tiegħu. Malli jlestu, titpoġġa f'maxtura apposta, u b'hekk il-qalb tagħhom issir bażi għal dak li ġej fil-jiem li ġejjin.

**Ġest**

Matul il-ġurnata, illum/għada, innutaw u iktbu l-emozzjonijiet li l-iktar li messu l-qalb tagħkom. Eżempju: matul il-ġurnata llum ħassejtni mdejjaq u mwarrab meta l-ħabib tiegħi ma kellimnix, jew illum verament ħassejtni kalm wara li lestejt dik il-biċċa xogħol.

# Jum 2 - Inressqu l-ferħat tagħna

Naħseb li l-akbar emozzjoni li tħoss il-qalb hija meta tkun mimlija bil-ferħ. Imma l-ferħ, minn fejn jiġi? U għal liema affarijiet jew sitwazzjonijiet il-bniedem jifraħ?

Kull bniedem jifraħ għal affarijiet jew sitwazzjonijiet differenti fil-ħajja tiegħu. Eżempju, hemm min jifraħ meta t-tim favorit tiegħu tal-futbol jirbaħ, imma fl-istess ħin hemm min il-futbol ma jagħmillu l-ebda differenza u ma jkun qed iqajjimlu l-ebda emozzjoni. Il-ferħ jista' wkoll ikun f'mumenti qosra jew f'mumenti itwal; bħal pereżempju attività, marka tajba fl-eżami, rigal, jew anke avveniment importanti bħaż-żwieġ. Jista' jkun ukoll li l-istess attività jew riżultat iqajjem f'xi ħaddieħor emozzjoni negattiva, bħal dwejjaq jew rabja. Jista' jkun hemm ukoll sitwazzjonijiet fejn il-ferħ ta' individwu jkun eċċessiv jew extravaganti, skont kif ikun qed iħossu dak il-bniedem.

Xi kultant, anke affarijiet żgħar jew affarijiet li ma jiswewx flus iferrħu lil bniedem. Sempliċiment tbissima, tgħanniqa, jew anke li tiltaqa' mal-familja jew mal-aqwa ħabib tiegħek tista' tagħmel lil dak li jkun ferħan. Mela, il-ferħ tista' tirċevieh jew tagħtih b'ħafna modi; kultant anke mingħajr ma nkunu nafu, jew permezz ta' ġesti li għalina jew għall-persuna l-oħra jistgħu ma jfissru xejn.

Hemm ukoll ferħ li napprezzawh f'mumenti partikulari jew f'mumenti li ma nkunux qed nistennewhom. Nistgħu naraw dan fl-eżempju ta' Katarina.

### *L-Istorja ta' Katarina:*

Katarina għandha 24 sena u tattendi l-laqgħat tal-parroċċa li jsiru kull ġimgħa. F'waħda minn dawn il-laqgħat, il-kappillan qalilhom li kien hemm ċans li fis-sajf ta' wara kienu se jmorru għall-missjoni fil-Kenja. Katarina ma kinitx daqstant imħeġġa biex tmur; fil-fatt, kienet qed taħsibha darbtejn jekk tmurx jew le.

Hi kienet tibża' wkoll mil-labar li kienet trid tieħu biex tkun protetta mill-mard li hemm fil-Kenja. Ħbiebha xtaqu ħafna li jmorru u bdew iħeġġuha biex tingħaqad magħhom. Wara ħafna ħsibijiet, Katarina ddeċidiet li tagħmel il-kuraġġ u tmur għal din l-esperjenza ġdida.

Qabel ma marru, dan il-grupp għamel ħafna ġbir ta' fondi u attivitajiet ta' fundraising biex ikunu jistgħu jieħdu magħhom il-flus għall-missjoni. Katarina bdiet tinvolvi ruħha f'dawn l-attivitajiet u bdiet tħoss sodisfazzjon li kienet qed tgħin. Meta wasal iż-żmien biex imorru, bdiet tħoss biża' minn dak kollu li seta' jiġri; imma b'xi mod sabet il-kuraġġ, u siefret il-Kenja.

Wara l-esperjenza, Katarina qalet li kienet waħda sabiħa u li ħalliet fiha ferħ kbir. Qatt ma kienet ħasbet li din l-esperjenza setgħet tħalli impatt daqshekk qawwi fuqha. Hija qalet li l-ferħ tan-nies tal-missjoni kien kbir, u li dan il-ferħ kien ġej mis-sempliċità tagħhom. Meta rat lit-tfal jifirħu mix-xejn, minkejja l-miżerja li kienu jgħixu fiha, kienet impressjonata ħafna. Dak il-ferħ biddlilha l-mod kif tħares lejn il-ħajja u lejn il-problemi li jinqalgħu fiha. Katarina qalet ukoll li żgur ma kinitx se tkun l-aħħar darba li tagħmel esperjenza oħra f'art tal-missjoni.

Fil-ħajja ngħaddu minn esperjenza li, mingħajr ma nkunu qed nistennew, jgħadduna minn mumenti ta' ferħ, ferħ profond li jibdel id-direzzjoni jew il-ħsibijiet ta' ħajjitna. Ħaġa sabiħa hi li l-ferħ ta' Katarina kien l-aktar qawwi meta sabet ruħha tagħti u mhux triċievi; meta offriet mill-ħin tagħha u tat minn dak li kellha. Iva, meta aħna nagħtu mill-ftit tagħna ħaġa tal-iskantament il-ferħ jittripla. Iżda mhux biss. Ejjew inżommu f'moħħna li l-ferħ jista' wkoll jittieħed. Rajna kif minħabba l-ferħ li kienet qiegħda tirċievi mingħand in-nies tal-missjoni, nibet ferħ veru fil-qalb ta' Katarina.

Din l-istorja, minkejja li hija vvintata, tixbah lil diversi esperjenzi ta' persuni li marru l-missjoni u esperjenzawha. Storja ta' persuna reali li ħasset ferħ kbir meta tat minn dak li kellha, hi dik ta' Santa Tereża ta' Kalkutta.

### *L-istorja ta' Santa Tereża ta' Kalkutta:*

Anjeze Gonxhe Bojaxhiu twieldet fi Skopje (illum parti mill-Maċedonja) fl-1910. Meta kellha 18-il sena, Anjeza telqet mid-dar u bdiet l-esperjenza tagħha mas-sorijiet ta' Loreto fl-Irlanda, fejn bdiet tipprepara għaż-żjara tagħha fil-missjoni fl-Indja. Meta bdiet il-missjoni tagħha f'Kalkutta, kienet ixxukkjata b'dak li sabet: faqar, mard u tbatija f'kull kantuniera. In-nies f'dan il-pajjiż kienu jgħixu fit-triq, bil-ġuħ u abbandunati.

Meta rat dan kollu, Santa Tereża ġiet fi kriżi u bdew jiġuha ħafna dubji. Bdiet taħseb kif tista' tagħmel xi tip ta' differenza. Fl-1946, irċeviet, bħalma kienet isejħilha hi stess, "sejħa ġo sejħa". Ħasset li l-Mulej qed isejħilha biex tħalli kollox u tmur totalment f'din il-missjoni, tgħix mal-ifqar fost il-fqar. Wara ftit bdiet għal kollox il-ħidma tagħha f'din l-art. Maż-żmien, f'Kalkutta stess, waqfet kongregazzjoni bl-isem *Missjunarji tal-Karità.*

Il-ħajja ta' Madre Tereża xejn ma kienet faċli; kienet taħdem ħinijiet twal, ħafna drabi b'riżorsi limitati u b'għeja kbira. Imma f'dan kollu, f'dan is-sens ta' qadi li kienet tagħmel, kienet tħoss ferħ kbir u profond. Il-ferħ tagħha kien jiġi milli tagħti lilha nnifisha kuljum kompletament lil Alla u lil dawk il-persuni li Hu stess ipprovda fil-ħajja tagħha. L-imħabba tagħha kienet imħabba li ma tfittex xejn għaliha nnifisha.

Madre Tereża tfakkarna li l-veru ferħ jiġi meta aħna ndawru kollox ma' dan Alla tagħna, il-ħin, l-enerġija, il-problemi, eċċ. Tfakkarna li kull att żgħir ta' għajnuna li jkollna ċans li nagħmlu ma' ħaddieħor jista' mhux biss iġib ferħ lil minn qed ngħinu, imma anke lil dik il-persuna li qed tagħti l-għajnuna.

### *Attività*

Forsi tistaqsi: x'inhu dak li fil-ħajja tiegħek verament jagħmlek ferħan? Ejjew ninsew l-affarijiet materjali li ħafna drabi jagħmluna ferħana, u nidħlu fil-profond tal-veru ferħ li nirċievu fil-ħajja tagħna. Fuq biċċa karta ppreparata, f'forma ta' tibna, ikteb fuqha dak li għalik hu l-veru ferħ. Jekk hemm bżonn, ħu ftit ħin ta' riflessjoni. Wara, kulħadd jista' jitfa' din il-karta fil-maxtura.

### *Qari*

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin (2 Kor 9:6-8)**
*"Jien dan ngħid: min jiżra' ftit, jaħsad ftit; u min jiżra' ħafna, jaħsad ħafna. Kull wieħed għandu jagħti skont ma jidhirlu hu minn rajh, mhux fuq il-qalb jew bilfors; għax Alla jħobb lil min jagħti bil-ferħ. Alla mbagħad għandu l-ħila jfawwarkom b'kull xorta ta' barka, hekk li dejjem u f'kollox ikollkom kulma hu biżżejjed għalikom, u jibqgħalkom ukoll għal kull opra tajba"*

San Pawl fl-ittra tiegħu qalilna li "*min jiżra' ftit, jaħsad ftit; u min jiżra' ħafna, jaħsad ħafna*". Jiġifieri jekk aħna nagħmlu xi ħaġa li mhux se twassal għall-ferħ, mhux ħa nirċievi ferħ.

Alla jħobb lil min jagħti bil-ferħ, jgħidilna San Pawl. Għax meta nagħmlu kollox b'dan il-ferħ, inkunu qed inħobbu kemm lill-proxxmu tagħna kif ukoll lil Alla. Il-veru ferħ jitwieled minn qalb li lesta li tagħti b'libertà. Meta noffru dan il-ferħ tagħna lil Alla, Hu jibdlu fi grazzji li ma jieqfu qatt. Il-ferħ li nagħtu lill-oħrajn mhux xi ħaġa li tinxtara; huwa rigal li jikber mill-ħamrija tal-ġenerożità.

***Ġest***

Matul il-ġurnata, illum/għada, innutaw x'ferħ qed ikollkhom fil-mumenti differenti tal-ġurnata. Eżempju: Illum ħassejtni ferħan għax sibt ċans ngħin lil ommi; ilbieraħ ħassejt qalbi verament kuntenta meta sibt ċans immur nara lin-nanna u ngħid kelma magħha.

# Jum 3 - Inressqu n-niket tagħna

Wara li lbieraħ ressaqna l-ferħat tagħna lil Ġesù, illum se nressqu n-niket u d-dwejjaq tagħna lil Ġesù. Imma x'jista' jkun in-niket tagħna? Għalfejn aħna nħossuna mdejqin?

Bil-kontra tal-ferħ, normalment id-dwejjaq tagħna ma nuruhx; ħafna nies iżommu n-niket u d-dwejjaq tagħhom għalihom. Għalhekk, minkejja li n-niket ta' persuna tista' tkun tafu hi biss, jista' jkun hemm każijiet li jsir jaf bihom kulħadd.

Id-dwejjaq jista' jkun għal affarijiet jew esperjenzi żgħar li nkunu għaddejna minnhom fil-ħajja, bħal per eżempju: ma tkunx għaddejt mill-eżami, jew kissirt jew tlift xi oġġett. U jistgħu wkoll ikunu esperjenzi kbar, bħal pereżempju l-mewt ta' xi persuna jew xi ġlied ma' xi ħadd. Ħafna drabi s-sens ta' dwejjaq jiddependi fuq kemm il-persuna, l-oġġett jew l-esperjenza tkun importanti. Il-mewt ta' xi qarib tal-ħabib mhux se ġġibli l-istess niket daqs il-mewt ta' ommi jew missieri, jiġifieri skont kemm il-persuna kienet għażiża għalija.

Mhux kulħadd jesprimi n-niket bħal xulxin. Hemm min jesprimi n-niket permezz tal-biki, min jinqafel waħdu fil-kamra, min ikun irid lil xi ħadd miegħu biex jikkalmah, hemm min jagħmel xenati kbar, u min anke jkabbar l-affarijiet biex in-nies jitħassruh. Hemm persuni li tant ikollhom dwejjaq li saħansitra tista' taqbadhom id-dipressjoni, u f'każijiet estremi, ineħħu ħajjithom b'idejhom stess.

Jista' jkun li xi kultant affarijiet ta' ferħ jinbidlu fi dwejjaq fi ftit sekondi. Dan jiġri meta tinħoloq xi esperjenza li tbiddel dak il-ferħ. Eżempju: hemm min jgħidlek li ma jersaqx lejn id-dar ta' ommu wara l-mewt tagħha għax dawn il-memorji jqabbduh id-dwejjaq. Hemm ukoll min għalih mumenti ta' ferħ għal ħaddieħor jistgħu jkunu mumenti ta' dwejjaq għalih; pereżempju l-Milied għal xi wħud hu żmien ta' ferħ iżda għal oħrajn hu żmien ta' niket għax ifakkarhom f'inċidenti li ġralhom.

In-niket, bħalma qed nindunaw, jew inġibuh aħna b'idejna jew jiġi fuqna mingħajr ma wieħed ikun qed jistenna. Xi drabi ċertu niket ikollna nibqgħu nġorruh matul ħajjitna kollha. Ejja naraw daqsxejn l-istorja ta' Manuel.

**L-Istorja ta' Manuel**

Manuel għandu madwar 35 sena u, bil-mod il-mod, kien qiegħed jibni familja flimkien mal-mara tiegħu, Claire. Kellhom xogħol stabbli, dar kbira u flus kemm irid. Nistgħu ngħidu li kellu ħajtu mimlija u kompluta.

Jiġri li darba, waqt li kienu qed jagħmlu festin id-dar, Manuel ħass uġigħ kbir fi spalltu. Dak il-ħin stess mar l-isptar biex jiċċekkjaw sewwa x'għandu. Wara xi żmien, ir-riżultat wera li kellu kanċer. Minn dak il-mument, Manuel beda jħoss li d-dinja qed taqa' quddiemu; il-futur beda jidher qrib u mimli inċertezza, għaldaqstant infaqa f'għajjat u biki kbir. Dwejjaq kbar qabduh meta beda jiftakar fit-tfal tiegħu u fil-mara tiegħu, u kif dawn ser ikollhom ibatu miegħu. F'daqqa waħda, il-ħajja "perfetta" li kellu bdiet tidher li qed tikrolla ftit ftit.

Bid-dwejjaq li kellu, ried jieħu xi żmien waħdu u jinqata' mis-soċjetà, għax beda jaħseb li n-nies se jarawh bħala bniedem 'miskin'. Ma seta' jsib xaqq ta' tama mkien. Minjaf kemm il-darba saqsa lill-Mulej, "Għalfejn ġie fuqi, għalfejn jien?". Sakemm darba ltaqa' ma' esperjenza li bidlitlu l-perspettiva ta' ħajtu.

Waqt li kien qiegħed l-isptar għal xi trattament jara tifel żgħir li kellu kundizzjoni f'saqajh, u ħaġa tal-iskantament għal għajnejh jarah kuntent jidħak u jilgħab ma ħuħ. Beda jgħid imma kif jista jkun dan it-tifel muġugħ u xorta ferħan? Għalhekk Manuel irraġuna li m'għandux għalfejn jibqa' jgerger iżda kellu jitgħallem

minn dan it-tifel li mhux jara il-kundizzjoni li għandu u jieqaf sa hemmhekk biss, imma qed jara x'jista' jagħmel issa bil-kundizzjoni li għandu. Mhux qed jara l-ikrah tas-sitwazzjoni li għandu imma qed jipprova joħroġ is-sabiħ u jsib il-kuntentizza.

Minn dak il-mument 'il quddiem, beda jbiddel ftit mill-ħsibijiet li kellu u jipprova jara l-pożittiv tal-affarijiet. Biex ikompli jżid ma' dan il-kuraġġ, ommu Marija darba qaltlu biex jaqra dwar l-istorja ta' mara bl-isem ta' Chiara Corbello Petrillo.

Din Chiara twieldet fl-1984 f'Ruma, fejn għexet f'familja Nisranija ma' oħtha Elisa. Kellha trobbija tajba u kienet tipprattika ħafna r-reliġjon Nisranija. Meta kellha 18-il sena, Chiara ltaqgħet mar-raġel tagħha Enrico, u wara li żżewwġu bdew jippruvaw jibnu familja. Fl-ewwel żewġ tqala, iż-żewġ trabi ma salvawx għax twieldu b'ġisem diformat. Però, Chiara ma qatgħetx qalbha; anzi, kompliet tafda f'Alla u reġgħet ippruvat għat-tielet darba. Kollox kien jidher sew, però ftit wara li nqbadet tqila, Chiara bdiet tħoss uġigħ kbir f'ilsienha. It-tobba bdew jaħsbu li jista' jkun tumur, però Chiara, wara li għamlet l-ewwel intervent, ma riditx tkompli bl-interventi mediċi minħabba li kienet tqila u riedet tkompli bit-tqala u tipposponi l-interventi għal wara. Minħabba li pposponiet l-interventi, is-sitwazzjoni kkumplikat daqsxejn ruħha. Dan it-tumur wassal biex, Chiara titlef ħajjitha.

Is-saħħa li sabet Chiara f'dan il-mard u t-taħwid kollu tal-ħajja tagħha kienet dejjem permezz tal-fidi qawwija tagħha. Qabel ma mietet, ippreparat lilha nnifisha biex tiltaqa' mal-Ħallieq, u kienet din il-fidi li għenitha tgħix l-aħħar żmien ta' ħajjitha b'kuraġġ u serenità.

Il-qawwa li sab Manuel wara li qara l-ħajja ta' Chiara kienet kbira. Hu kompla jafda l-ħajja u l-marda tiegħu f'idejn Ġesù, li għandu l-qawwa jerfa' t-tbatijiet tagħna fuq spallejh. Hekk qalilna f'din is-silta:

## *Qari*

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin (2 Kor 1:3-5)**

*"Imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu, Missier il-ħniena u Alla ta' kull faraġ. Hu jfarraġna fil-hemm kollu tagħna, biex aħna, permezz tal-faraġ li bih Alla jfarraġ lilna, inkunu nistgħu nfarrġu lil dawk kollha li jinsabu f'kull xorta ta' hemm. Bħalma joktru fina s-sofferenzi ta' Kristu, hekk ukoll permezz ta' Kristu, joktor fina l-faraġ."*

Hu se jkun hemm biex iffarraġna fit-triqat li minnhom irridu ngħaddu minn din id-dinja, fejn se jkun hemm xi tip ta' niket. Qalilna San Pawl f'din l-ittra li Alla se jkun magħna u ser jimliena b'kull faraġ. Kemm tagħmilna xxurtjati li aħna li nemmnu f'din ir-reliġjon għandna lil xi ħadd li ser ikun magħna meta nkunu mdejqin jew imnikkta. Kemm inħossuna aħjar meta nippreżentaw in-niket tagħna lil Ġesù.

U jkompli jgħidilna San Pawl li wara li Alla jffarraġna, nistgħu nfarrġu aħna lil ħaddieħor. Minn esperjenza ta' mewt, wieħed għandu mnejn iħossu ftit aħjar meta jaf li hemm xi ħadd li qiegħed jisimgħu. Biex ma nsemmux ukoll li kultant il-preżenza ta' xi ħadd tgħinna ngħaddu minn dawn il-mumenti malajr. Għax, filwaqt li għadna f'din id-dinja rridu nfarrġu lil xulxin. U f'dan il-faraġ tista' tidher l-id ta' Alla li qed taħdem f'dawn il-persuni.

### *Attività*

Forsi tistaqsi: x'inhu dak li fil-ħajja tiegħek inikktek? Jew liema huma dawk l-esperjenzi f'ħajtek li ġabulek dwejjaq kbar?

Taqtax qalbek; illum ser ikollok iċ-ċans li toffrihom lil Ġesù. Fuq biċċa karta ppreparata, f'forma ta' tibna, ikteb fuqha dak l-episodju li ġablek id-dwejjaq. Jekk hemm bżonn, ħu ftit ħin ta' riflessjoni. Wara, kulħadd jista' jitfa' din il-karta fil-maxtura.

### *Ġest*

Matul il-ġurnata, illum jew għada, innutaw dawk il-mumenti ż-żgħar li jkunu ġabulek id-dwejjaq. Eżempju: Illum ħassejt dwejjaq kbar xħin qaluli li se jkolli nitla' Malta għal lecture waħda biss, jew illum m'għoġobnix l-ikel, armejtu kważi kollu, u wara ħassejtni ħażin.

# Jum 4 - Inressqu x-xewqat u l-pjanijiet tagħna

Min jaf kemm-il darba saqsewk meta kont żgħir: x'tixtieq issir meta tikber? Għall-bidu probabbli kont tivvintalhom kull tip ta' xogħol li jista' jeżisti, imbagħad meta bdejt tikber bdejt tiffoka aktar fuq ħaġa waħda; fuq suġġett jew xogħol li bdejt tara li jogħġbok. Maż-żmien bdiet tinbet iktar bħala xewqa milli xi ħaġa vvintata. U kif nafu, aktar ma tikber aktar tibda tiffoka x-xewqat tiegħek u l-ħolm tiegħek tibda tippjana biex tara kif ser twettqu.

Ix-xewqa tiġi għax tħoss jew tkun trid xi ħaġa li ma jkollokx fil-preżent. Ħafna drabi nkunu nixtiequ xi ħaġa li għandu xi ħadd ieħor, li nafu li hi tajba u li tista' tagħtina gost. Tista' tixtieq oġġett, esperjenza, persuna jew emozzjoni, kemm għalik innifsek u kemm għal ħaddieħor. Ġieli nkunu nixtiequ wkoll affarijiet ħżiena, iżda normalment dawn ma nkunux nixtiquhom għalina, iżda għal xi ħadd ieħor. Xi kultant nixtiequ affarijiet żgħar, bħal "kemm nixtieq li jkolli dak il-kelb", u xi drabi affarijiet kbar u importanti, bħal "kemm nixtieq li jkolli xogħol tajjeb" jew "kemm nixtieq insib lil xi ħadd li jħobbni bis-serjetà".

Xewqa tista' titwettaq, u tista' wkoll tinbidel jew tintesa. Ħafna drabi, billi jkollna ħafna xewqat, jibqgħu xewqat biss għax ma nistgħux nagħmlu jew nieħdu kollox matul ħajjitna. Madankollu, ix-xewqa hija importanti ħafna, għax permezz tagħha nkunu qegħdin nispiraw u nagħmlu dak kollu li nistgħu biex nilħqu xi ħaġa. Permezz tax-xewqat, persuna tista' ssib skop fil-ħajja li tkun tixtieq tilħaq.

Meta inti tkun tixtieq xi ħaġa, tkun qiegħed tittama li tilħaqha jew li takkwistaha. Allura t-tama għandha rwol essenzjali fil-ħajja tagħna. Meta lil bniedem teliminalu l-kapaċità li jixtieq jew li jittama ma jibqalu l-ebda skop li jkun irid jilħaq.

Però nsaqsi mistoqsija: meta wieħed ma jilħaqx skop jew xewqa li jkun jixtieq jagħmel, x'inhu li jkun ġara hemmhekk? Jista' jkun li din ix-xewqa mhix reali għalik biex isseħħ? Jista' jkun ukoll li ma għamiltx ħiltek biżżejjed biex tilħaq din ix-xewqa? Jew forsi kellek xortik ħażina u għalhekk ma ksibtx dak li ridt? Qatt ħsibt li jista' jkun hemm xi ħaġa oħra?

Kollox jista' jkun, però qatt ħsibt iktar fil-profond tax-xewqat tiegħek? Jista' jkun li x-xewqat jew l-iskopijiet li għandek jew li trid tilħaq mhumiex veru għalik? Jista' jkun li hemm xewqat oħra li huma tassew tiegħek u joqogħdulek aħjar? Qatt ħsibt li forsi hemm triq oħra fix-xewqat tiegħek li għandek timxi biex tilħaq il-veru skop tal-ħajja?

Qed tħalli lil Alla jidħol fix-xewqat tiegħek? Qed tħallih imexxik Hu fit-triq tal-ħajja jew qed tagħlaq għajnejk u widnejk u timxi għal rasek?

Forsi tgħidli: *"Imma kif se nkun naf li dawn ix-xewqat li għandi humiex dak li jrid Alla minni?"*

### *Qari*

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Ġeremija** (**Ġer 29:11-14**)

*"Jien naf il-pjanijiet li ħsibt għalikom, oraklu tal-Mulej, pjanijiet ta' ġid u mhux ta' ħsara, li nagħtikom ġejjieni mimli tama. Intom issejħuli u tiġu titolbuni u jien nismagħkom, tfittxuni u ssibuni. Meta tfittxuni b'qalbkom kollha, issibuni, oraklu tal-Mulej, u jiena nbiddel xortikom u niġborkom minn fost il-ġnus u mill-artijiet kollha li xerridtkom fihom, oraklu tal-Mulej, u rreġġagħkom lura lejn il-post li tturufnajtkom minnu.'"*

Alla qed jgħidilna li Hu għandu pjan għalina, "pjanijiet ta' ġid u mhux ta' ħsara", u li qed joffrilna futur sabiħ. Mela jekk jiena bħalissa mhux qed inħossni ferħan, jew qed inħoss nuqqas ta' tama, jista' jkun li x-xewqat li għandi mhumiex konformi ma' dak li jrid Alla minni?

U nkunu nafu jekk humiex konformi ma' dak li jrid Hu meta aħna nsejħulu, infittxuh u nitolbuh. Il-komunikazzjoni ma' Alla hija importanti, għax meta jkollna komunikazzjoni tajba miegħu naslu fejn irridu naslu. Bħal meta trid tmur f'post iżda ma tafx it-triq: tista' tuża l-GPS biex jiggwidak. Jekk timxi mal-istruzzjonijiet tiegħu, tasal fil-post finali. Mingħajr GPS hemm ċans kbir li tispiċċa f'post ieħor. L-istess jiġri fil-ħajja spiritwali: mingħajr komunikazzjoni ma' Alla hemm ir-riskju li ninsew jew nitbiegħdu mit-triq it-tajba.

Il-komunikazzjoni tagħna ma' Alla għandha tkun waħda frekwenti, waħda li bil-mod tagħna l-bnedmin nidħlu fil-fond. Alla żgurana li jekk nagħmlu hekk, jismagħna, ifittixna u jsibna.

Alla qed jgħidilna li l-ħsibijiet u l-pjanijiet tiegħu huma ferm differenti minn tagħna. Qatt ġralkom xi ħaġa u għidtu: *"Imma kif ġara hekk? Xi pjan kellu Alla f'din is-sitwazzjoni?"* Fil-fatt, bil-Malti ngħidu: "Il-bniedem jipproponi u Alla jiddisponi"; il-bniedem jippjana mod, iżda Alla jaf aktar minna x'inhu tajjeb għalina.

**L-istorja ta' San Massimiljanu Kolbe**

Raymond Kolbe kien Pollak u twieled fis-sena 1894. Huwa kien patri u missjunarju Franġiskan, u aktar tard biddel ismu għal Massimiljanu. Meta kellu disa' snin, Raymond kellu ħolma fejn ra dehra tal-Verġni Marija. Hu rrakonta li Omm Alla ġiet quddiemu żżomm żewġ kuruni: waħda bajda u l-oħra ħamra. Il-bajda kienet tfisser perseveranza fil-purità, u l-ħamra kienet tfisser li se jkun martri. Marija qaltlu biex jagħżel bejn dawn it-tnejn, u hu għażel it-tnejn li huma.

Massimiljanu għex fi żmien iż-żewġ gwerer kbar tad-dinja. Matul it-Tieni Gwerra Dinjija, kien arrestat fil-kamp tal-konċentrazzjoni ta' Auschwitz. Darba wieħed mill-priġunieri rnexxielu jaħrab minn Auschwitz, u bħala tpattija riedu joqtlu għaxar priġunieri minn dan il-kamp. Fost dawn l-għaxra kien hemm missier ta' familja li beda jibki, għax ma riedx imut minħabba li għandu l-mara u t-tfal jistennewh.

Għalhekk, Massimiljanu offra li jmur flok din il-persuna li ma kienx jaf. Hu miet billi ħallewh imut bil-ġuħ. Miet martri, bħalma kien il-pjan ta' Alla għalih.

Imma tista' tistaqsi x'għandu x'jaqsam dan l-episodju max-xewqat u l-pjanijiet tagħna. Il-pjan ta' Alla għal Massimiljanu kien li jmut martri, iżda meta kien żgħir ma setax jifhem sewwa kif u meta kien ser jiġri dak li qaltlu Marija. Massimiljanu kien iżomm il-komunikazzjoni tiegħu ma' Alla permezz tat-talb. Anke fil-kamp tal-konċentrament kien jitlob u jħeġġeġ lill-ħaddieħor biex jagħmlu l-istess, anke fl-agħar u fl-aħħar mumenti ta' ħajjithom.

Fl-aħħar mill-aħħar ninnutaw li minkejja li Massimiljanu kien bniedem li jippjana u żgur li ma ppjanax li jidħol fil-kamp tal-konċentrament u jmut martri, huwa dejjem ħalla lil Alla jiggwidah matul ħajtu għax il-pjan aħħari tiegħu kien li jkun jixbah lil Ġesù. Għalhekk, kienet il-qawwa tat-talb u l-komunikazzjoni kontinwa ma' Alla li wasslitu biex jagħmel dan il-pass u jmut flok xi ħadd ieħor.

### *Attività*

Mhux kulħadd se jkollu dan il-pjan li jmut martri, u żgur li bħalissa mhux ser inkunu nafu, imma żgur li għandna ħafna xewqat u pjanijiet li qegħdin f'moħħna. Fuq biċċa karta ppreparata, f'forma ta' tibna, ikteb fuqha x-xewqat u l-pjanijiet tiegħek, mhux pjanijiet żgħar jew ta' kuljum imma xewqat importanti għal ħajja tiegħek. Wara, kulħadd jista' jitfa' din il-karta fil-maxtura.

### *Ġest*

Matul il-ġurnata, illum jew għada, innutaw dawk il-mumenti ż-żgħar li fihom tħoss xi xewqa partikolari jew pjan li tixtieq li jseħħ. Eżempju: kemm nixtieq li sħabi jibdew jisimgħuni aktar, jew, illum veru ħadt gost fil-lezzjoni tal-Malti, tgħid inkompli fuq dan is-suġġett 'il quddiem?

# Jum 5 - Inressqu l-isfidi tagħna

Wara li lbieraħ tkellimna fuq ix-xewqat u l-pjanijiet tagħna, illum ser nitkellmu fuq l-isfidi li nsibu matul ħajjitna u li xi kultant ikunu fit-triq tax-xewqat u l-pjanijiet tagħna. It-triq tal-ħajja ma tistax tkun ward u żahar, u diġà nafu li biex wasalna sa issa diġà kellna xi sfidi u qtugħ ta' qalb.

Xi darba ħassejt li tkun qed tagħmel xi ħaġa u biex tasal għaliha tkun se taħbat taqta' qalbek? Sfida hija sitwazzjoni jew esperjenza li ngħaddu minnha fil-ħajja tagħna li tmur lil hinn minn dak li nħossuna komdi bih jew minn dak li hu ħafif għalina. Ħafna drabi tkun test fil-ħajja li jkun qed jippruvalna s-saħħa, il-paċenzja, il-karattru u l-fidi tagħna. Ejja nġibu eżempji ta' xi sitwazzjonijiet fil-ħajja tagħna li ħafna drabi ngħaddu minnhom ta' kuljum.

Eżempji ta' sfidi li nesperjenzaw fl-iskola: li ngħaddu minn xi eżami jew nagħmlu xi proġett, li nippruvaw nqassmu x-xogħol kollu li jkollna, li nibqgħu ffukati u mmotivati, u li nikkontrollaw l-istress.

Eżempji ta' sfidi fil-ħajja soċjali: Peer pressure, bullying (anke onlajn), li tħossok waħdek jew eskluż, li titkellem fil-pubbliku, jew li tagħmel ħbieb ġodda.

Eżempji ta' sfidi fil-ħajja spiritwali: Li ssib ħin għat-talb, li temmen f'ċerti misteri tal-fidi, li tifhem il-pjan ta' Alla, id-dubji, li titgħallem tafda f'Alla, u li taħfer lil dawk li weġġgħuna.

Jista' jkun li waħda mis-sitwazzjonijiet li għadna kif semmejna, għal xi wħud ma tkunx sfida, iżda għalihom tkun xi ħaġa li ma tkunx ta' problema. Eżempju: hawn min li jagħmel ħbieb ġodda hija sfida għalih/a, imma għal oħrajn hija xi ħaġa li jieħdu gost jagħmlu mingħajr ebda sforz.

Għalkemm sfida nistgħu narawha bħala xi ħaġa negattiva, tista' tkun xi ħaġa pożittiva u li permezz tagħha nistgħu nikbru u niskopru abilitajiet ġodda li qabel ma konniex nafu bihom. Hemm min għadda minn sfida fil-ħajja tiegħu, kabbritu u tatu s-saħħa biex jimxi 'l quddiem.

**L-istorja ta' Geroge**

George huwa żagħżugħ ta' 22 sena li matul ħajtu għadda minn diversi sfidi. George iħobb il-futbol, il-mużika u jqatta' l-ħin ma' sħabu. Minn kif kien għaddej fil-ħajja tiegħu, kollox kien jidher normali, iżda fil-verità kien qed iġorr ħafna piżijiet. Id-dar, George kien isib ruħu jara ħafna ġlied bejn ommu u missieru; ħafna drabi missieru kien jerfa' idejh fuq ommu u dan kien jispiċċa jimtela b'ħafna biża'. Ġieli kien iqatta' l-iljieli ma jorqodx minħabba l-ġlied li kien jisma'. Ħafna drabi kien jaħseb li forsi dan il-kunflitt kien tort tiegħu. Minħabba f'hekk kien jispiċċa għajjien u ma kienx ikun attent għal dak li kien qed jiġri fl-iskola.

L-iskola wkoll kienet sfida għalih. George beda jqabbel lilu nnifsu ma' sħabu u l-familji tagħhom. Għalih, xi wħud mit-tfal ta' madwaru kienu jidhru iktar ferħanin, intelliġenti u b'saħħithom minnu. Għalhekk beda jħossu li hu ma kienx biżżejjed u l-kunfidenza tiegħu bdiet tinżel ħafna. Din is-sitwazzjoni ma kienet tgħinu xejn.

Madankollu, sab l-għajnuna mingħand xi ħbieb li kienu għalih ħbieb veri. Magħhom seta' jaqsam dak li verament kien qed iħoss. Billi kien għadu żgħir, ma kienx jaf min jista' jgħinu ħlief dawn sħabu.

Iktar ma beda jikber, is-sitwazzjoni ggravat ruħha hekk kif missier George beda wkoll jerfa' idu fuqu. Għall-bidu George ma kien jgħid xejn, għax ma riedx li ħaddieħor, speċjalment sħabu, ikunu jaf x'inhu jiġri d-dar. Madankollu, sħabu bdew jinnutaw li l-aġir tiegħu qed jinbidel u ndunaw li kien għaddej minn xi ħaġa. Infatti,

meta resaq is-sajf ta' dik is-sena, waqt li sħabu riedu jmorru l-baħar u hu ma riedx imur magħhom bħas-soltu, bdew jissuspetaw li kien qed jaħbi xi ħaġa.

Sakemm darba, waqt li kienu qed jilagħbu logħba, wieħed minnhom bi żball tellagħlu l-flokk u ra tbenġil kbir fuq dahru kollu. Dak il-ħin stess sħabu staqsewh x'inhu jiġri. Għall-bidu George ma ried jgħid xejn, iżda mbagħad kellu bilfors jgħid xi ħaġa.

Minn hemm, sħabu tkellmu mal-ġenituri tagħhom u rrappurtaw dak li kien qiegħed jiġri fid-dar ta' George. George, minħabba dan, kellu ħafna konsegwenzi li beda jbati minnhom matul ħajtu, imma minħabba din l-esperjenza kiber u mmatura ħafna. Xtaq li fil-ħajja tiegħu ma jagħmilx bħalma kien jagħmel missieru; anzi, xtaq li bil-mod il-mod jibni relazzjoni soda u ta' rispett mal-għarusa tiegħu.

Sfortunatament, insibu diversi tfal u żgħażagħ li jgħaddu minn sfidi bħal dawn fis-skiet. George f'din l-istorja sab l-għajnuna u, permezz ta' din l-esperjenza, tgħallem ħafna; imma hemm min ġieli jibqa' ibati fil-ħajja tiegħu minħabba diversi sfidi. Hawn min jibqa' bil-ferita li timmarkah għall-ħajtu kollha.

Tajjeb li nkunu nafu li, meta għandna dawn l-isfidi kollha, nistgħu niksbu l-għajnuna ta' Alla li dejjem hemm għalina b'idejh miftuħa.

## *Qari*

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin (2 Kor 12:9-10)**

*"Iżda hu weġibni: "Biżżejjed għalik il-grazzja tiegħi; għax il-qawwa tiegħi tidher fl-aqwa tagħha fejn hemm id-dgħajjef." Għalhekk niftaħar minn qalbi l-aktar bid-debbulizzi tiegħi biex il-qawwa ta' Kristu tgħammar fija. Mela bil-qalb kollha nitgħaxxaq bid-debbulizzi tiegħi, bit-tagħjir, bl-għaks, bil-persekuzzjonijiet, bid-dwejjaq minħabba Kristu; għax meta nkun dgħajjef, inkun qawwi."*

F'dan il-passaġġ, Alla jagħtina l-garanzija li fl-affarijiet id-dgħajfa u fl-isfidi tagħna, Kristu jkun l-aktar preżenti. Jgħidilna li meta aħna nkunu fil-grazzja tiegħu, għalina Hu biżżejjed. San Pawl jgħidilna li dawn l-isfidi tagħna għandna noħorġuhom fil-beraħ, u m'għandniex nitfgħuhom taħt it-tapit, għaliex inkella aħna nbatu. Għandna nitkellmu ma' Alla fuq dawn l-isfidi, u ma nibżgħux, għaliex kulħadd qiegħed fl-istess vapur. Meta nfittxu l-għajnuna permezz tiegħu, il-qawwa tiegħu tkun qed tgħammar fina. Aħna kollha qed ngħixu f'din id-dinja mimlija sfidi, u kemm ikunu aħjar jekk inħallu dawn l-isfidi f'idejn Alla, minflok ma nerfgħuhom aħna waħidna.

## *Attività*

Sfidi għandna ħafna, kulħadd għandu l-isfidi tiegħu skont is-sitwazzjoni u l-esperjenzi li għadda u qed jgħaddi minnhom fil-ħajja. Kuljum insibu xi sfida, imma hemm dawk l-isfidi li huma kontinwi. M'għandniex nibżgħu, għax Alla ser ikun magħna. Fuq biċċa karta ppreparata, f'forma ta' tibna, ikteb fuqha l-isfidi li tgħaddi minnhom. Wara, kulħadd jista' jitfa' din il-karta fil-maxtura.

### ***Ġest***

Matul il-ġurnata, illum jew għada, innutaw dawk l-isfidi żgħar li ngħaddu minnhom matul il-ġurnata. Eżempju: Illum veru kelli sfida biex insib ċans nikkonċentra tajjeb u nistudja jew ilbieraħ kien hemm min qabad miegħi fuq il-post tax-xogħol u ma stajtx inkompli b'dak li kont qed nagħmel.

# Jum 6 - Inressqu r-relazzjonijiet tagħna

Ilbieraħ rajna l-istorja ta' George, fejn rajna li kienet il-ħbiberija li kellu ma' sħabu li salvatu, għax bis-saħħa tagħhom seta' jitkellem u jiftaħ qalbu dwar dak li kien qiegħed jiġri d-dar. Fl-istess ħin rajna r-relazzjoni li kellu mal-familja, li ma kinitx daqshekk tajba.

Fil-ħajja niltaqgħu ma' ħafna persuni li magħhom nibnu relazzjonijiet. Nafu li hemm diversi tipi ta' relazzjonijiet, u mhux kollha jkunu mibnija fuq l-istess bażi.

Hemm dawk li magħhom aħna nirrelataw ftit li xejn u ġieli anke għal bżonn, bħal pereżempju sħabna tal-iskola, il-ġirien, jew in-nies li niltaqgħu magħhom il-ħanut, eċċ.

Hemm dawk li magħhom nirrelataw aktar minn dawn ta' qabel. Dawn it-tip ta' relazzjonijiet jaffettwaw ċerti valuri tagħna u jipprovdulna sapport. Dawn jistgħu jkunu ħbieb, għalliema, nanniet jew zijiet.

Finalment hemm dawk li magħhom għandna relazzjoni l-iktar intima; bħal ġenituri jew dawk li jieħdu ħsiebna, l-aħwa, ħbieb kbar tagħna u il-partner jew il-mara/ir-raġel tagħna.

Hemm ukoll dawk il-persuni li għandna relazzjoni magħhom imma iktar b'mod negattiv. Wisq probabbli minħabba xi kunflitt li kien hemm bejn il-persuni, jew minħabba xi esperjenzi li setgħu weġġgħu lill-persuna l-oħra.

Kull relazzjoni li ngħaddu minnha fl-istorja ta' ħajjitna se tifforma dak li aħna llum. Nibdew minn meta konna żgħar… min jaf kemm qalulna: "Int tixbah lil missierek, daqskemm int kalm", jew "Int tixbah lil ommok, daqskemm int nervuż", jew "Int eżatt bħal oħtok tirraġuna." Dan għaliex dawn kienu l-ewwel persuni li ltqajna magħhom u ttimbraw ħajjitna.

Ma nafx jekk qattx rajtu l-istorja ta' Tarzan. Tarzan kien tifel ta' koppja li kienu jgħixu fil-ġungla. Ġara li darba grupp ta' gorilli attakkaw id-dar tal-ġenituri ta' Tarzan, u billi dawn kienu jgħixu ġewwa l-ġungla, ma kienx hemm ħaddieħor li seta' jsalva lil Tarzan. Kala, gorilla mara, sabitu waħdu jibki ġewwa d-dar u ħaditu magħha, u rabbietu bħala binha fost il-gorilli. Minħabba f'hekk Tarzan trabba jitkellem u jaġixxi bħal gorilla: tgħallem jikkaċċja, jiddendel u jixxabbat bħalhom. Fil-fatt, meta sabuħ il-bnedmin aktar 'il quddiem, ma kienx jaf jitkellem bil-kliem tagħhom u lanqas jimxi bħall-bnedmin.

Peress li sabuh il-gorilli, kellu bilfors jirrelata magħhom u sar bħalhom. L-istess aħna: insibu ruħna ma' persuni li jrabbuna bil-mod tagħhom, u minnhom nitgħallmu u nsiru bħal dak li jgħaddu lilna dawk l-ewwel persuni li sawruna. Imbagħad, matul ħajjitna, nibqgħu niltaqgħu ma' persuni oħra li jsaħħulna l-karattru. Permezz tagħhom inkomplu nixorbu u nieħdu dak li jgħaddu lilna. Jekk persuna jkollha trobbija imfarrka, bi problemi jew imħarbta, hemm ċans li tieħu mill-kwalitajiet jew mill-vizzji ta' dik il-familja.

L-iktar mod li persuna tirrelata ma' ħaddieħor huwa permezz tal-kliem u l-komunikazzjoni. Kien sar esperiment mir-Re Federiku II tal-Prussja fil-bidu tas-seklu 13, għax kien kurjuż biex jiskopri b'liema lingwa kienu se jitkellmu t-trabi jekk ħadd qatt ma jkellimhom. Għalhekk li għamel kien li ħa grupp ta' trabi tat-twelid u rabbiehom f'iżolament, mingħajr ebda komunikazzjoni verbali. Dawk li kienu jieħdu ħsiebhom kienu mitluba ma jitkellmux magħhom, iżda li sempliċement jipprovdulhom l-ikel u l-bżonnijiet bażiċi ta' kuljum.

Ġara li dan l-esperiment ma' ta ebda riżultat sabiħ. Kien hemm tfal li kellhom problemi biex jitkellmu aktar 'il quddiem, iżda l-maġġoranza ta' dawn it-trabi mietu. Għalkemm kien esperiment makabru, jgħinna nifhmu li l-bniedem ma jistax jgħix mingħajr relazzjoni ma' persuni oħra.

Meta aħna nirrelataw flimkien, mhux biss nużaw il-fomm u nesprimu permezz tal-kliem, iżda wkoll permezz tal-emozzjonijiet. Ejjew naraw ir-relazzjonijiet li hemm bejn il-ħbieb tagħna, speċjalment il-ħbieb tal-qalb. Kemm tidħku flimkien meta tgħidu xi ċajta, u l-istess jiġri meta tinqala' xi ħaġa ta' niket. Kemm taqsmu esperjenzi, zekzik u anke sigrieti flimkien.

U meta relazzjoni tkun b'saħħitha, tinbet dik li ngħidulha l-imħabba. L-imħabba vera ma tiġix mil-ewwel bejn persuni, iżda tinbena bil-mod il-mod. L-imħabba vera tiġi minn komunikazzjoni vera.

## *Qari*

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin (Kol 3:12-14)**

*"Intom il-magħżulin ta' Alla, il-qaddisin u l-maħbubin tiegħu. Ilbsu mela sentimenti ta' ħniena, tjieba, umiltà, ħlewwa u sabar. Stabru b'xulxin, u, jekk xi ħadd minnkom ikollu xi jgħid ma' ħaddieħor, aħfru lil xulxin; bħalma l-Mulej ħafer lilkom, hekk agħmlu intom ukoll. U fuq kollox ilbsu l-imħabba, li hi l-qofol tal-perfezzjoni."*

Alla jgħallimna permezz tal-ittra lil San Pawl biex nilbsu sentimenti li huma importanti biex ikun hemm komunikazzjoni tajba. Dan ifisser li dawn is-sentimenti ma nitwieldux bihom, għalhekk iridu jinbnew bil-mod il-mod; il-ħniena, it-tjieba, l-umiltà, il-ħlewwa u s-sabar. Qalilna wkoll li meta jkollna xi kunflitt ma' ħaddieħor, irridu naħfru.

Iva, jista' jiġri li fil-ħajja niltaqgħu ma' persuni li ma  mmorrux tajjeb magħhom, fejn ir-relazzjoni magħhom tkun falliet. Ħafna drabi nsibuha diffiċli li l-komunikazzjoni ma' dawn il-persuni terġa' tissaħħaħ. Probabbilment li saret xi weġgħa jew kien hemm xi kunflitt li kkawża relazzjoni imfarrka. Imma Alla jgħallimna li għandna naħfru, bħalma Alla diġà ħafer lilna. Għaliex qabel ma nagħmlu xi ħaġa ħażina, Alla diġà ħafrilna. Allura hekk għandna nagħmlu aħna ma' ħaddieħor. Imma mhux daqshekk faċli li naħfru lill-ħaddieħor; fuq dan nitkellmu iktar għada.

Meta nibnu relazzjoni tajba ma' ħaddieħor, awtomatikament ikun hemm relazzjoni tajba ma' Alla, għax Alla jinsab ukoll f'ħaddieħor, u meta nkunu qed inħobbu, inkunu wkoll qed inħobbu lil Alla. Ġesù stess qalilna meta ġie mistoqsi liema hu l-ikbar kmandament: hu qalilhom, "Ħobb lill-Mulej, Alla tiegħek, b'qalbek kollha, b'ruħek kollha, u b'moħħok kollu," Imbagħad kompla u qalilhom: "Ħobb lil għajrek bħalek innifsek." (Mt 22:36-38)

## *Attività*

F'ħajjitna ltqajna ma' ħafna persuni differenti li bil-mod bnejna relazzjonijiet sbieħ magħhom. Fuq biċċa karta ppreparata, f'forma ta' tibna, ikteb fuqha dawk il-persuni li fil-ħajja tiegħek bnejt relazzjoni tajba magħhom. Jista' jkun li dawn il-persuni għadek tkellimhom u jista' jkun li ilek ma tarahom daqsxejn. Fuq karta oħra, ikteb dawk il-persuni li forsi l-komunikazzjoni magħhom mhix daqshekk tajba u forsi trid li taħfrilhom imma qed issibha diffiċli. Wara, kulħadd jista' jitfa' dawn il-karti fil-maxtura.

### ***Ġest***

Matul il-ġurnata, illum jew għada, innutaw ir-relazzjonijiet kollha li tagħmlu u fuq liema livell taqa' mad-diversi persuni li tiltaqa' magħhom. Eżempju: Illum verament tkellimt mal-ħabib tiegħi u qsamna ħafna emozzjonijiet flimkien, jew ilbieraħ, ma' ommi kelli kunflitt żgħir, imma mbagħad wara ftit għaddielna.

# Jum 7 - Inressqu l-ħtijiet/l-iżbalji tagħna

Żgur li l-ħajja tagħna mhix ward u żahar, kemm f'dawk l-affarijiet li aħna nirċievu fil-ħajja tagħna u anke f'dawk li nagħmlu. Però jiġri li f'dak li nagħmlu mhux dejjem inkunu qed nagħmlu s-sewwa jew b'intenzjoni tajba. Aħna bnedmin u jiġrilna li niżbaljaw. B'kelma jew anke b'xi att nistgħu nferrħu, iżda nistgħu wkoll nweġġgħu lil ħaddieħor.

U kif nistgħu niżbaljaw? Il-fomm tagħna jista' jagħmel ħafna ħsara. Min jaf kemm nissendikaw fuq dak li qed jiġri lil ħaddieħor u anke naslu għal konklużjonijiet fuq dawn il-persuni. Ġieli wkoll nagħtu tikketta lil ħaddieħor u mingħalina nkunu qed nagħmlu xi bravura. Xi drabi wkoll nivvintaw u nigdbu fuq ħaddieħor biex inwaqqgħu ħażin it-tajjeb ta' xi ħadd. Xi tgħajjira jew kelma ħażina f'wiċċ ħaddieħor toħroġ żgur u tinħass l-iktar jekk it-tgħajjir ikun personali.

Min jaf kemm-il darba, minħabba r-rabja li jkollna, ngħajtu jew anke nerfgħu jdejna fuq persuni li jkun hemm quddiemna. Minħabba l-impulsi li jkun hemm ġo persuna, jista' jkun li ma tibqax taħseb u taqa fl-iżball. Insemmu bħal abbużi sesswali u vjolenza domestika.

Meta nweġġgħu lil ħaddieħor nitilfu l-fiduċja tagħna ma' persuni oħra; meta nkunu diżonesti, jew naħbu l-verità jew anke nagħmlu xi ħaġa li ssir wara dahar ħaddieħor. Min jaf kemm nippruvaw nevitaw lil ħaddieħor billi ma ninkluduhomx f'dak li nagħmlu. U nagħmlu dan billi ma nagħtux kas tagħhom u ta' dak li jkunu qed iħossu. Ġieli wkoll nużaw persuni biex nieħdu jew nagħmlu xi ħaġa, inkunu ħbieb ma' xi ħadd għal bżonnijiet tagħna u mhux għax veru nħobbu u nivvalutaw lil dik il-persuna. Bl-Ingliż nużaw il-frażi: "friends with benefits".

Nitilfu l-fiduċja tagħna ma' ħaddieħor anke meta naqsmu ma' ħaddieħor affarijiet jew sigrieti li tkun qaltlek persuna. Meta npoġġu dejjem il-bżonnijiet tagħna qabel dawk ta' ħaddieħor, u meta l-egoiżmu jirbaħ, nistgħu, mingħajr ma nkunu nafu, inkunu qed inweġġgħu lill-oħrajn.

Dawn il-weġġgħat u oħrajn jistgħu jkunu: ċari u diretti u jistgħu jkunu indiretti u li jseħħu permezz ta' xi att li jkun jidher tajjeb imma jwassal għal żball. Eżempju:

- Missier li qed jaħdem ħafna għall-familja, saħansitra ġieli jaħdem sat-tard kuljum. Minħabba f'hekk ma tantx isib ħin biex ikun mal-familja u jara l-bżonnijiet tagħhom. Għalkemm dan il-missier qed jaħseb fil-familja, fl-istess ħin qiegħed jonqosha u forsi jweġġagħha. Mhux qed jara l-veru bżonn li jqatta' ħin mal-familja u li jżomm bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja ta' kuljum.
- Ħabib li jħobb ħafna lil sħabu u verament ikun ta' għajnuna għal ħaddieħor. Tant hu hekk li l-ħin kollu jibagħtilhom u jistaqsihom kif inhuma. Ġieli wkoll jipprova jidħol fil-personali. Minħabba f'hekk, sħabu kultant jiddejqu u jippruvaw jevitawh kemm jista' jkun. Għalkemm qed jagħmel xi ħaġa tajba billi jieħu ħsieb lil sħabu, qed ikun protettiv iżżejjed u jispiċċa joħnoq din il-ħbiberija. Minħabba dan il-kontroll fuq sħabu, il-ħbiberija tispiċċa ssir forma ta' pressjoni fuq ħaddieħor.
- Għalliema li tħobb ħafna tkun hemm għall-istudenti tal-iskola u tqishom daqslikieku t-tfal tagħha. Xi kultant anke tinsa li dawn mhumiex it-tfal tagħha. Għalkemm din hi xi ħaġa tajba, li tagħti l-attenzjoni lill-istudenti tagħha, trid tfakkar u tikkontrolla lilha nnifisha li dan hu xogħol u li t-tfal mhumiex tagħha.
- Leader tal-grupp tal-adolexxenti li jħobb ħafna jisma' u jagħti l-pariri tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ li jattendu l-laqgħat. Għalkemm huwa tajjeb li jagħti l-pariri, ħadd ma jista' jkun speċjalizzat biex jagħti parir fuq kollox. Anzi, ħafna drabi, persuna tersaq lejk, biex sempliċiment tismagħha u tkun preżenti magħha.
- Persuna li jekk tgħidlu jżomm sigriet, iżommu. Hija persuna paċifika ħafna u tħobb tgħaqqad il-ħbiberiji flimkien. Persuna li m'għandhiex għedewwa, taqbel ma' kulħadd u ma tiġġieled ma' ħadd. Għalkemm huwa tajjeb li jinżamm il-paċi anke bejn l-għedewwa, huwa wkoll importanti li meta jkun hemm xi ħaġa li mhux sewwa jew ma taqbilx magħha, tkun tista' titkellem dwarha. Għalkemm

tkun qed taħseb li qed iżżomm kollox taħt kontroll, fil-fatt tkun qed tweġġa' lill-oħrajn billi ma tgħidilhomx il-verità.

Meta wieħed jiżbalja u bl-iżball tiegħu ikun weġġa' lill-ħaddieħor, hemm ċans kbir li jħoss xi ħaġa li ma jkunx komdu fih, din jgħidulha ħtija jew bl-ingliz "guilt-feeling". Ġeneralment dan il-feeling ma jkunx qed jinħass waqt li wieħed qed jagħmel l-att imma wara, għaliex hemmhekk fejn wieħed jinduna x'għamel u bil-gravità ta' dan l-att. Il-problema tkun, jekk wieħed jagħmel att li hu ħażin imma ma jħossx li għamel il-ħażin jew li weġġa' lil ħaddieħor.

Il-maġġoranza ta' dawn il-każijiet ikollna bżonn lil ħaddieħor. Permezz ta' xi parir jew anke sempliċiment tal-attitudni tagħhom jistgħu jiftħulna għajnejna u jagħtuna l-parir li dak li qed nagħmlu kien żball u huwa ħażin.

Fil-każ tagħna, għandna ħafna nies madwarna li jistgħu jagħmlu dan. Fil-qrib għandna lill-ġenituri, lill-għalliema, katekisti u anke l-leaders tal-gruppi. Dawn kultant jistgħu biss jiftħu għajnejna, imma forsi nkunu nistgħu wkoll niksbu xi għajnuna professjonali, bħal dik ta' social worker jew counsellor.

Pero m'għandniex nibżgħu: l-ewwel nett, nammettu li żbaljajna, u t-tieni nett, infittxu l-għajnuna, għaliex, bħal ma diġà semmejna qabel, aħna bnedmin; m'aħniex supermans, perfetti jew puri. Aħna niżbaljaw. Alla stess jgħidilna dan u xorta jagħmlilna kuraġġ kbir. Dan jidher ċar fil-parabbola tal-iben il-Ħali.

## *Qari*

**Qari mill-Evanġelju skont San Luqa (Lq 3:11-24)**

*"Qalilhom ukoll: "Kien hemm raġel li kellu żewġ ulied. Iż-żgħir qal lil missieru, 'Missier, agħtini s-sehem li jmiss lili mill-ġid.' U dak qassmilhom il-ġid. Ma kinux għaddew wisq ġranet, meta ż-żgħir sarr kollox u telaq minn beltu lejn pajjiż imbiegħed, u hemmhekk berbaq ġidu kollu f'ħajja mtajra. Meta ħela kulma kellu, fuq dak il-pajjiż waqa' ġuħ kbir, u beda jħoss ruħu fil-bżonn. U mar daħal ma' wieħed minn dak il-pajjiż, li bagħtu fir-raba' tiegħu jirgħa l-ħnieżer. Kien jixtieq kieku jimla żaqqu mqar bil-ħarrub li kienu jieklu l-ħnieżer, imma ħadd ma kien jagħtih. Imbagħad daħal fih innifsu u qal, 'Kemm lavranti ma' missieri għandhom ħobż bix-xaba', u jien qiegħed hawn immut bil-ġuħ! Ħa nqum u mmur għand missieri, u ngħidlu, 'Missier, dnibt kontra s-sema u kontra tiegħek; ma jistħoqqlix iżjed nissejjaħ ibnek; żommni b'wieħed mil-lavranti tiegħek.' Qam, u telaq għal għand missieru. Iżda kif kien għadu fil-bogħod missieru lemħu u tħassru, u b'ġirja waħda mar inxteħet fuq għonqu u biesu. 'Missier,' qallu ibnu, 'dnibt kontra s-sema u kontra tiegħek; ma jistħoqqlix iżjed nissejjaħ ibnek.' Iżda l-missier qal lill-qaddejja tiegħu, 'Isaw! Ġibulu l-isbaħ libsa u xidduhielu, libbsulu ċ-ċurkett f'sebgħu u s-sandli f'riġlejh! Ġibu l-għoġol l-imsemmen u oqtluh, ħa nieklu u nagħmlu festa, għax dan ibni kien mejjet u raġa' qam, kien mitluf u nstab!' U bdew jagħmlu festa."*

F'din il-parabbola jispikka ħafna l-egoiżmu li kellu l-iben iż-żgħir, fejn minflok ma ra l-bżonnijiet ta' missieru u tal-familja tiegħu, ra biss dak li xtaq hu. Minjaf x'weġgħa ħass il-missier meta ħadlu l-flus u warrbu bħallikieku lanqas kien missieru. Hu telaq iberbaq kulma kellu, sakemm meta kien qiegħed fil-miżerja tas-sitwazzjoni nduna x'kien qiegħed jagħmel. Huwa beża' li jekk jerġa' jmur lura, missieru ma' kienx ser jilqgħu.

Jekk inpoġġu lilna nfsuna f'din l-istorja, naraw li jiġrilna bħal l-iben il-ħali li ma nibqgħu naraw xejn ħlief li nagħmlu ta' rasna frott l-egoiżmu li hemm ġo fina. Meta nkunu fil-miżerja tas-sitwazzjoni, nindunaw xi nkunu għamilna u nibżgħu. Nibżgħu nduru lejn Alla u nitolbuh maħfra. Hemm ċans li xi bnedmin minn din id-dinja ma jerġgħux jilqgħuna lura, imma Alla li huwa l-ħabib kbir tagħna jilqagħna lura b'idejh miftuħa.

Hekk ġralu l-iben il-Ħali, missieru laqgħu lura b'idejh miftuħa, biesu, libbsu l-isbaħ ilbies u għamillu festa. Dan għaliex, minkejja li l-iben żbalja, huwa rritorna u talab maħfra għaliex induna x'għamel. Hekk wkoll

lilna, meta aħna nidinbu u nindunaw x'għamilna u nirritornaw lura lejn Alla, Hu ħa jerfalna dan il-piż u jgħinna nitwieldu mill-ġdid. Bis-saħħa tiegħU biss nistgħu nagħmlu dan, għaliex hu biss għandu dik l-imħabba bla kundizzjonijiet u bla limitu li jiġbidna mill-ħama li nkunu fih; Hu biss ser jaċċettana lura, aħna kif aħna, bid-dnubiet kollha tagħna. U Hu jerrfagħhomlna, jekk nitolbuh u nintelqu f'idejh.

### *Attività*

Minjaf kemm-il darba waqajna, żbaljajna u weġġajna lil ħaddieħor. Ma nibzgħux! Alla ser ikun magħna! Fuq biċċa karta ppreparata, f'forma ta' tibna, ikteb fuqha dawk l-iżbalji jew il-weġgħat li nagħmlu lil ħaddieħor. Wara, kulħadd jista' jitfa' din il-karta fil-maxtura.

### *Ġest*

Matul il-ġurnata, illum jew għada, innutaw il-weġgħat li forsi tagħmlu ma' diversi persuni li tiltaqa' magħhom. Eżempju: Illum weġġajt daqsxejn lil sieħbi bil-kliem li għidtlu, jew ilbieraħ mort nikxef is-sigrieti li qaltli oħti u ma ħaditx gost.

# Jum 8 - Inressqu r-rigali tagħna

Qed naslu bil-mod il-mod fi tmiem din in-novena, u kif qed taraw, il-maxtura tagħna qed timtela bil-mod il-mod. Illum ser nitfgħu l-aħħar tibna tagħna, li fuqha ser niktbu r-rigali u l-grazzji li nirċievu fil-ħajja tagħna.

Qabel ma tibdew tgħidu r-rigali, ejja nagħtu ħarsa ħafifa tad-diversi rigali li nirċievu matul ħajjitna għaliex nirċievu ħafna affarijiet li noħduhom "for granted" u xi kultant ninsewhom. Kull persuna hija differenti mill-oħra, imma kull persuna Alla żejjina b'rigali differenti.

Nibdew mill-affarijiet li jkollna ħafna drabi ta' kuljum, bħall-ikel u ilma, dar jew saqaf fuq rasna, ħwejjeġ, flus, teknoloġija, għodda ta' tagħlim, arja friska, eċċ.

Kull persuna hija mżejna b'karattru, personalità u talenti differenti; min hu kapaċi jagħmel ħaġa waħda u min hu kapaċi jagħmel oħra. L-intelliġenza u l-kreattività jinsabu f'kull persuna, u kull wieħed għandu l-ħsibijiet u l-ideat tiegħu. Hawn min għandu l-fiżiku tiegħu jgħinu ħafna fl-isport, u hawn min kapaċi jaħdem tajjeb is-sengħa tal-id. Hawn min għandu l-abbiltà li jferraħ lill-oħrajn, u min għandu l-abbiltà li jmur tajjeb man-nies. Hawn min hu ġeneruż u jgħin, min hu onest, paċenzjuż, kuraġġjuż, avventuruż, ambizzjuż, eċċ.

Il-persuni li niltaqgħu magħhom fil-ħajja tagħna u r-relazzjonijiet li nibnu huma wkoll rigal għalina. Il-ġenituri, dawk li jieħdu ħsiebna, il-ħbieb, l-għalliema, l-animaturi, il-komunità tagħna (bħal il-grupp tal-adolexxenti jew il-parroċċa) u n-nies kollha li jibnuna u jappoġġjawna fil-mixja tagħna.

Niftakru wkoll fis-7 doni tal-Ispirtu, li rċevejniehom fil-Griżma tal-Isqof. Dawn huma: l-Għerf (dixxerniment tajjeb), il-Fehma (tifhem tajjeb il-veru tifsir tal-fidi), il-Kunsill (tagħmel għażliet tajbin), il-Qawwa (tkun sod fil-fidi), ix-Xjenza (tkun taf lil Alla u dak li jrid minna), il-Pietà (devozzjoni u rispett lejn Alla), u l-Biża' ta' Alla (nitpaxxew u naduraw bil-qawwa ta' Alla).

Ara kemm tana rigali dan Alla tagħna! Iżda jekk ikollna tant rigali u mbagħad ma nużawhomx jew ma nużawhomx tajjeb, ikun kollu ta' xejn. Allura rridu niskopruhom u nużawhom għall-ġid tagħna u tal-oħrajn. Alla stess qalilna permezz tal-Parabbola tat-talenti.

## *Qari*

**Qari mill-Evanġelju skont San Mattew (Mt 3:14-30)**

*"Għax dan bħal wieħed li kien se jsiefer, u sejjaħ lill-qaddejja tiegħu u ħallielhom ġidu f'idejhom. Lil wieħed tah ħames talenti, lil ieħor tnejn, u lil ieħor wieħed, kull wieħed skont il-ħila tiegħu. U siefer. Dak li kien ħa l-ħames talenti mar minnufih iħaddimhom u qala' ħamsa oħra. Hekk ukoll dak li kien ħa tnejn qala' tnejn oħra. Iżda dak li ħa wieħed mar ħaffer fl-art u ħeba flus sidu. Wara ħafna, sid dawk il-qaddejja raġa' lura u beda jagħmel il-kontijiet magħhom. Resaq quddiemu dak li kien ħa ħames talenti u ġieblu ħames talenti oħra. 'Sinjur,' qallu, 'ħames talenti ħallejtli f'idejja; hawn, ara, qlajt ħamsa oħra.' Qallu s-sinjur, 'Sewwa, qaddej tajjeb u fidil; int kont fidil fil-ftit, u jien se nafdak fuq ħafna; idħol fl-hena ta' sidek.' Resaq ukoll dak li kien ħa żewġ talenti, u qallu, 'Sinjur, żewġ talenti ħallejtli f'idejja; hawn, ara, qlajt tnejn oħra.' Qallu s-sinjur, 'Sewwa, qaddej tajjeb u fidil; int kont fidil fil-ftit, u jien se nafdak fuq ħafna; idħol fl-hena ta' sidek.' Iżda resaq ukoll dak li kien ħa talent wieħed, u qal, 'Sinjur, lilek nafek bħala raġel aħrax, taħsad fejn ma żrajtx u tiġbor fejn ma xerridtx. Bżajt, u mort ħbejt it-talent tiegħek fl-art. 'Hawn, ara, għandek dak li hu tiegħek.' Qabeż is-sinjur u qallu, 'Qaddej ħażin u għażżien, kont taf li jien naħsad fejn ma żrajtx u niġbor fejn ma xerridtx. Mela kien imissek mort qegħedt flusi l-bank biex, meta niġi, kont immur niġborhom bl-imgħax. Ħudulu mela t-talent u agħtuh lil dak li għandu l-għaxar talenti. Għax kull min għandu, jingħatalu,*

*u jkollu ż-żejjed ukoll; iżda min ma għandux, jitteħidlu saħansitra dak li għandu. U lil dan il-qaddej bla fejda itfgħuh 'il barra fid-dlam; hemmhekk ikun hemm il-biki u t-tgħażżiż tas-snien.*

Għalkemm f'din il-parabbola qed jirreferi għat-talenti bħala flus, nistgħu napplikaw din il-parabbola għat-talenti li tana Alla l-Missier. Iva, Alla tana t-talenti biex naħdmuhom u ninvestu fihom u mhux inħalluhom moħbija bħalma għamel il-qaddej fl-istorja. Alla tana dawn ir-rigali tant sbieħ biex nużawhom u biex nagħmlu t-tajjeb bihom. Mela jekk Alla tani r-rigal tal-ġenerożità, inkun ġeneruż ma' kulħadd; jekk Alla tani r-rigal tal-intelliġenza, nuża din il-qawwa li għandi biex nagħmel it-tajjeb bil-ħsieb. Jekk aħna ma nużawx dawn it-talenti, dawn ir-rigali, ma nkunu qegħdin nirċievu xejn, għax ma nkunux qed ninvestu dak li għandna. Ġesù qalilna: *"kull min għandu, jingħatalu, u jkollu ż-żejjed ukoll; iżda min ma għandux, jitteħidlu saħansitra dak li għandu."*

Mela ejja niskopru u naħdmu dak kollu li jagħtina Alla, u nagħmlu dan biss billi nidħlu fil-fond tal-fidi tagħna. Meta nitkellmu fuq rigal, don jew grazzja, ħafna drabi naħsbu fuq xi ħaġa li minn barra tidher sabiħa u tolqot l-għajn mal-ewwel. Però, ħafna persuni jgħaddu minn diversi esperjenzi li, għalkemm mhumiex xi ħaġa li tolqot l-għajn jew li tidher sabiħa, joħorġu minnhom rigal akbar li jdum ħajjithom kollha. Mark, fil-ħajja tiegħu, għalkemm ma kellux ħajja faċli, xorta skopra u ħaddem ir-rigali li rċieva matul ħajtu. Ejja naraw l-istorja ta' Mark.

**L-istorja ta' Mark**

Mark illum għandu 30 sena, però meta kien iżgħar għadda minn esperjenzi li hu jgħid: 'Imnalla ġraw, għax għalija dawn l-esperjenzi huma rigal li kabbruni u li mhux kulħadd jista' jgħaddi minnhom f'età żgħira.' Mark jgħix f'familja kbira; huwa ż-żgħir minn fost 5 aħwa u għandu 7 neputijiet. Meta kellu 10 snin, għadda minn mard ta' oħtu l-kbira, li għalkemm ma kienx jifhem kollox, diġa' kien qed jixrob u jitgħallem minn dak kollu li kien qed jiġri ma' oħtu u mal-ġenituri tiegħu. Kien diġa' ta' età daqshekk żgħira jipprova jkun ta' għajnuna għall-ġenituri. Sena wara, ħuħ il-kbir għadda min każ ta' separazzjoni; wieħed jista' jimmaġina l-ġenn li wieħed seta' jsib f'dik il-familja.

Ġara li meta kellu 15-il sena miet missieru ħesrem, minħabba xi problemi fil-qalb. Billi kien iż-żgħir tal-familja, beda jara t-traġedji kollha jsiru quddiemu: biki ta' ħutu l-kbar u ħafna mistoqsijiet li ma kienx qed jifhem x'kien qiegħed jiġri. Minjaf kemm-il darba mar jitlob lill-Mulej u jgħidlu: 'Għalfejn qed jiġru lili dawn l-affarijiet? Għalfejn ma trabbejtx f'familja li għandha kollox sew?'

Mark għamel xi żmien imbiegħed mill-knisja għaliex ma setax jifhem għalfejn dawn l-affarijiet ġraw lilu, hekk ta' età daqshekk żgħira. Wara xi żmien, beda bil-mod il-mod jersaq lejn il-knisja permezz ta' ħbieb u qassisin qrib tiegħu, u anke għax l-għeruq li fihom rabbewh il-familja tiegħu ma ħallewhx jintilef. Dan kellu impatt drastiku, anke fuq kif beda jara dawn il-ġrajjiet, li seħħew fil-ħajja tiegħu. Maż-żmien, meta beda jitkellem man-nies, beda jinduna li permezz tal-ħajja tiegħu dawn in-nies bdew isibu lil xi ħadd li jista' jifhimhom u li setgħu jirrelataw ma' dawn l-esperjenzi. Bil-mod il-mod, dawn l-esperjenzi Mark beda jarahom bħala rigal li tah il-Mulej biex ikun jista' jaqsamhom ma' ħaddieħor u jitgħallmu minnhom.

Mhux dejjem nistgħu nifhmu dawn il-grazzji li jagħtina Alla, u lanqas nifhmu ż-żmien meta Alla jagħtina dawn il-grazzji. Minjaf kemm nitolbu lil Alla biex jagħtina xi ħaġa; probabbli nkunu rriduha issa u kemm jista' jkun malajr. Imma kemm tinħass iktar grazzja, meta Alla jagħtina xi ħaġa fil-ħin perfett tiegħu.

### *Attività*

Ħadtu idea differenti ta' x'jistgħu jkunu r-rigali differenti li wieħed jista' jirċievi fil-ħajja? Fuq biċċa karta ppreparata, f'forma ta' tibna, ikteb fuqha dawk li taħseb li għalik kienu rigali. Issa għandek idea tajba ta' ħafna rigali differenti li nirċievu fil-ħajja; ejja ma naħsbux biss fir-rigali materjali, imma nidħlu iktar fil-profond. Wara, kulħadd jista' jitfa' din il-karta fil-maxtura.

### *Ġest*

Matul il-ġurnata, illum jew għada, innutaw ir-rigali kollha li tirċievu. Tista' tibda mil-qawma ta' filgħodu u tispiċċa bis-sodda u s-saqaf li Alla pprovdilek biex tispiċċa l-ġurnata fiha. Eżempju: Illum veru ħassejtni sodisfatt li għent lil ħija ż-żgħir li qed jistudja fl-istess suġġett li studjajt jien; ilbieraħ veru apprezzajt li ommi sajritli x'niekol, fil-fatt għidtilha grazzi, is-soltu noħodha "for granted".

# Jum 9 - Inressqu l-ħajja kollha tagħna

Wasalna fl-aħħar ġurnata tan-novena u illum il-maxtura qed tarawha mimlija 'tiben' li imlejtu intom. F'dawn id-disat ijiem, dorna dawra tajba mal-ħajja tagħna u tfajna fil-maxtura ħafna affarijiet fuqna nnifisna. Ftaħna l-qalb tagħna u ħriġna minn ġo fiha il-ferħat, id-dwejjaq, ix-xewqat, l-isfidi, ir-relazzjoniijiet, l-iżbalji u r-rigali tagħna. Kuljum kellna xi ħaġa x'noffru lil Ġesù.

Illum mhux ser inpoġġu iktar 'tiben', imma ser inpoġġu dak li ser jibdel il-perspettiva ta' kif naħsbu fil-ħajja tagħna kollha. Dak li twieled fid-dinja biex isalva l-popli kollha u biex jurina t-triq it-tajba għal kull bniedem. Twieled biex jiċċekken u biex ikun eqreb tal-ħajja tagħna l-bnedmin, għax mhux ser ikun bniedem bħal bnedmin oħra, imma dan huwa Alla li sar bniedem.

Kif qed taraw, il-Bambin qiegħed fuq dak kollu li ktibna f'dawn il-jiem. Għaliex aħna ma nistgħux ngħixu l-ħajja tagħna mingħajr ma jkun hemm Hu li qiegħed fuq kollox. Hu qiegħed magħna kemm fl-affarijiet is-sbieħ u anke fl-ikraħ tagħna. Hu qiegħed hemm biex jibdel il-perspettiva ta' kif naraw l-affarijiet, u meta nagħmlu dan, kollox jibda jagħmel sens. Hu ġie fid-dinja biex jerfa' fuq spallejh id-dnubiet kollha tagħna. Li kieku kellna nġorru t-toqol ta' dak kollu li jiġri fil-ħajja tagħna waħidna, żgur li ma nkunux nistgħu ngħixu ferħanin.

Ejja nħarsu daqsxejn lejn dan il-Bambin li għandna quddiemna u naqraw flimkien dak li ġara madwar elfejn sena ilu.

### *Qari*

**Qari mill-Evanġelju skont San Luqa** **(Lq 2:1-7)**

*"F'dik il-ħabta Ċesari Awgustu ħareġ digriet biex isir ċensiment fid-dinja kollha. Dan kien l-ewwel ċensiment li sar meta Kirinu kien gvernatur tas-Sirja. U kulħadd mar biex jinkiteb, kull wieħed fil-belt tiegħu. Ġużeppi wkoll mar mill-Galilija, mill-belt ta' Nazaret, u tala' l-Lhudija, fil-belt ta' David jisimha Betlehem - għax hu kien mid-dar u l-familja ta' David - biex jinkiteb flimkien ma' Marija l-għarusa tiegħu, li kienet tqila. Ġara li, meta kienu hemm, Marija għalqilha ż-żmien biex teħles, u wildet l-ewwel iben tagħha, fisqietu u medditu f'maxtura, għax ma kienx hemm post għalihom fil-lukanda."*

Storja li minjaf kemm-il darba smajnieha u wisq probabbli nafuha bl-amment, pero ħarsu sew lejn din it-tarbija: kieku inti kont temmen li dan huwa Alla? Kont temmen li dan Alla kellu jitwieled f'dan il-faqar kollu? Kont temmen li dan huwa Alla li ser jaħkem fuq il-ħajja tiegħek? Ejja naraw lil dawn in-nies li emmnu jew indunaw li dak li hemm fil-maxtura huwa xi ħadd kbir u li ser jbiddel id-dinja.

### *Qari*

**Qari mill-Evanġelju skont San Luqa** **(Lq 2:8-20)**

*"F'dawk l-inħawi kien hemm xi rgħajja fir-raba', għassa mal-merħla tagħhom billejl. U dehrilhom anġlu tal-Mulej, il-glorja tal-Mulej iddiet madwarhom, u qabadhom biża' kbir. Iżda l-anġlu qalilhom: "Tibżgħux, għax araw, qiegħed inħabbrilkom ferħ kbir, ferħ li se jkun għall-poplu kollu. Illum, fil-belt ta' David, twildilkom Salvatur, li hu l-Messija, il-Mulej. U bħala sinjal ikollkom dan; issibu tarbija mfisqija u mimduda f'maxtura." F'daqqa waħda ngħaqdu mal-anġlu għadd kbir ta' qtajja' tas-sema, ifaħħru lil Alla u jgħidu: "Glorja lil Alla fl-ogħla tas-smewwiet, u sliem fl-art lill-bnedmin li jogħġbu lilu!" Meta mbagħad l-anġli*

*ħallewhom u telgħu s-sema, ir-rgħajja bdew jgħidu lil xulxin: "Ejjew immorru Betlehem ħa naraw x'ġara kif għarrafna l-Mulej." Marru mela jgħaġġlu, u sabu lil Marija u 'l Ġużeppi, bit-tarbija mimduda f'maxtura. Kif raw dan, bdew jgħarrfu b'kulma kien intqal lilhom dwar dik it-tarbija, u kull min semagħhom baqa' mistagħġeb b'dak li qalulhom ir-rgħajja. Marija, min-naħa tagħha, baqgħet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha u taħseb fuqhom bejnha u bejn ruħha. Ir-rgħajja mbagħad reġgħu lura, isebbħu u jfaħħru lil Alla għal kulma kienu raw u semgħu, kif l-anġlu kien qalilhom."*

U

## *Qari*

**Qari mill-Evanġelju skont San Mattew (Mt 2:1-12)**

*"Meta twieled Ġesù f'Betlehem tal-Lhudija, fi żmien is-sultan Erodi, xi maġi mil-lvant ġew Ġerusalemm jistaqsu: "Fejn hu dak li twieled sultan tal-Lhud? Għax rajna l-kewkba tiegħu tielgħa, u ġejna nqimuh." Is-sultan Erodi sama' bihom, u tħawwad hu u Ġerusalemm kollha miegħu. Ġabar flimkien il-qassisin il-kbar u l-kittieba kollha tal-poplu, u ried jaf mingħandhom fejn kellu jitwieled il-Messija. U huma qalulu: "F'Betlehem tal-Lhudija, għax hekk inkiteb mill-profeta: 'U int, Betlehem, art ta' Ġuda, le, m'intix l-iżgħar fost il-bliet il-kbar ta' Ġuda, għax minnek joħroġ mexxej li jirgħa l-poplu tiegħi Iżrael.' Erodi mbagħad sejjaħ lill-maġi bil-moħbi, u tkixxef bir-reqqa kollha mingħandhom iż-żmien li fih dehritilhom il-kewkba; bagħathom Betlehem u qalilhom: "Morru, staqsu sewwa għat-tifel, u meta ssibuh ejjew għiduli, ħalli jien ukoll niġi nqimu." Dawk, wara li semgħu lis-sultan, telqu, u ara, il-kewkba li kienu raw tielgħa bdiet miexja quddiemhom sakemm waslet u waqfet fuq il-post fejn kien hemm it-tifel. Kif raw il-kewkba mtlew b'ferħ kbir tassew. Meta mbagħad daħlu d-dar u raw lit-tifel ma' ommu Marija, inxteħtu fl-art iqimuh; fetħu t-teżori tagħhom u offrewlu rigali deheb, inċens u mirra. Imbagħad, billi kienu mwissijin f'ħolma biex ma jerġgħux imorru għand Erodi, telqu lura lejn arthom minn triq oħra."*

Żewġ realtajiet differenti ħafna: għandna lir-ragħajja u lill-Maġi. Dawn ir-ragħajja kienu persuni importanti ħafna fis-soċjetà għax kienu jipprovdu l-affarijiet essenzjali, imma kienu wkoll l-iktar persuni mwarrba, minsija u foqra. Imbagħad għandna dawn il-Maġi, li kienu ġejjin minn madwar id-dinja, persuni għorfa u sinjuri. Kull wieħed minnhom emmen li hemm xi ħadd kbir li twieled f'maxtura fuq ftit tiben, u emmnu li dak li qed jaduraw huwa Alla. Alla għażel dawn in-nies, kif inhuma, biex taslilhom din il-bxara t-tajba u jersqu lejh huma l-ewwel, bil-ħajja tagħhom kollha kif inhi.

Ara x'fidi nibtet ġewwa qalb r-ragħajja biex wasslu li jemmnu lill-anġli; u ara x'fidi kellhom il-Maġi biex waslu li jafdaw fl-għerf tagħhom u jaqsmu dawk l-artijiet kollha ħalli jaslu fejn kien hemm dan Alla. Ara x'fidi kellhom dawk ir-ragħajja meta, wara li raw din ix-xena quddiemhom, marru jiġru jfaħħru lil Alla u xerrdu l-kelma ta' dak li ġara f'dak l-għar. Ara x'fidi kellhom dawk il-Maġi biex taw dawk ir-rigali li s-soltu jingħataw lis-Sultan. Saħansitra biddlu t-triq u ma marrux lura biex javżaw lill-Erodi fejn kien jinstab Ġesù. Dawn in-nies, xi ħaġa raw, xi ħaġa ħassew ġewwa fihom. Ħassew li dak li kienu qed jaraw quddiemhom, ma kienx biss bniedem, imma kien Alla.

U kemm iktar, mela, għandu jkollna din il-fidi li dak li seħħ elfejn sena ilu, seħħ tassew. U kemm għandna għax nersqu lejn dan Alla bil-ħajja kollha tagħna. Alla xtaq li jkun preżenti magħna, fejn l-ebda reliġjon jew Alla ieħor ma xtaq li jagħmel dan. Araw daqsxejn x'xorti għandna aħna li qegħdin hawn u li għamilna dawn id-disat ijiem flimkien. Aħna ġralna l-istess bħar-ragħajja għax xtaqna li naraw u nifhmu iktar min hu dan Alla li jinsab fil-ħajja kollha tagħna. Li jinsab fil-ferħ u n-niket tagħna, li jinsab fix-xewqat, fil-pjanijiet u l-isfidi tagħna, li jinsab fir-relazzjonijiet tagħna u li jinsab fl-iżbalji u fir-rigali tagħna. Allura ejja noffru llum l-ħajja kollha tagħna u nirringrazzjawh ta' din il-ħajja sabiħa li tana.

## *Attività*

Jieħdu ftit ħin biex jaħsbu fuq il-ħajja tagħhom u fuq dak kollu li ġara f'dawn l-aħħar disat ijiem. Imbagħad, kulħadd jieħu xemgħa u wieħed wieħed jersaq għarkupptejh quddiem Ġesù fil-maxtura u jgħidu din it-talba b'vuċi għolja, "Ġesù, jien nagħtik il-ħajja kollha tiegħi".

Wara ftit, is-saċerdot jersaq bis-Sagrament fil-post fejn jkunu għarkupptejhom, u jista' wkoll jingħad xi talb quddiem Ġesù sagramentat. Wara xi ħin fis-skiet, issir il-barka sagramentali.